MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

**ADVANCED MATRICULATION LEVEL**
**2021 SECOND SESSION**

| | |
|---|---|
| SUBJECT: | **Religious Knowledge** |
| PAPER NUMBER: | I |
| DATE: | 4th October 2021 |
| TIME: | 4:00 p.m. to 7:05 p.m. |

## THE SCRIPTURE AND THE CREED

Answer **THREE** questions: **ONE** from each section and a **THIRD** from any section. All questions carry equal marks.

### SECTION A: THE CHRISTIAN BIBLE

1. "Long ago God spoke to our ancestors in many and various ways by the prophets, but in these last days he has spoken to us by a Son..." (Heb 1,1-2). The Letter to the Hebrews compares Christianity and Judaism. Discuss how the New Testament continues and perfects the Old Testament.

2. The book of Exodus has many important themes, one of which is that of the Covenant. What is this Covenant? Discuss why this Covenant is so important in the life of the Jews.

3. Discuss the themes of suffering, kingship and innocence in the Passion Narratives.

4. "The prophets of Israel were seen as affirming the Lord's continued commitment to Israel and presence within Israel." Discuss this statement with reference to the life, writings and message of **TWO** major prophets in the Old Testament.

### SECTION B: THE CREED

5. How did the earliest creeds and the Nicaean creed develop? Discuss why the Nicaean creed is so fundamental to the Christian faith.

6. Faith and reason have often been described as "dialogue partners". Discuss how faith and reason are both important sources upon which our beliefs can rest.

7. Discuss what is meant by the understanding of God: (i) as father, (ii) that man can enter into a personal relationship with him, and (iii) as being almighty.

8. Evaluate the importance of Tradition in the Catholic faith and support your argument with **ONE** example from Church history.

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2021**

L-Università ta' Malta

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **It-Tagħlim Reliġjuż** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 4 t' Ottubru 2021 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m sas-7:05 p.m |

## L-ISKRITTURA U L-KREDU

Wieġeb **TLIET** mistoqsijiet: **WAĦDA** minn kull taqsima u t-**TIELET** waħda minn liema taqsima li trid. Il-mistoqsijiet kollha għandhom l-istess marki.

### TAQSIMA A: IL-BIBBJA

1. "Alla fl-imgħoddi kellem lil missirijietna ħafna drabi u b'ħafna manjieri permezz tal-profeti. Issa, f'dan l-aħħar żmien, huwa kellimna permezz ta' Ibnu..." (Lhud 1,1-2). L-Ittra lil-Lhud tqabbel il-Kristjaneżmu u l-Ġudajiżmu. Iddiskuti kif it-Testment il-Ġdid ikompli u jipperfezzjona t-Testment il-Qadim.

2. Il-ktieb tal-Eżodu għandu bosta temi importanti, waħda minnhom hija dik tal-Patt. X'inhu dan il-Patt? Iddiskuti għaliex dan il-Patt hu daqshekk importanti fil-ħajja tal-Lhud.

3. Iddiskuti t-temi tat-tbatija, tar-regalità, u tal-innoċenza fir-rakkonti tal-Passjoni.

4. "Il-profeti ta' Iżrael kienu jidhru jikkonfermaw l-impenn kontinwu tal-Mulej għal Iżrael u l-preżenza tiegħu f'Iżrael." Iddiskuti din il-frażi b'referenza għall-ħajja, il-kitbiet, u l-messaġġ ta' **ŻEWĠ** profeti kbar tat-Testment il-Qadim.

### TAQSIMA B: IL-KREDU

5. Kif iffurmaw l-ewwel kredijiet u l-kredu ta' Niċea? Iddiskuti għaliex il-kredu ta' Niċea hu fundamentali għall-fidi nisranija.

6. Il-fidi u r-raġuni spiss niddeskrivuhom bħala "sieħba fid-djalogu". Iddiskuti kif il-fidi u r-raġuni huma żewġ sorsi importanti fuq xiex jinbena t-twemmin tagħna.

7. Iddiskuti x'nifhmu b'dawn il-veritajiet dwar Alla: (i) li hu missier, (ii) li l-bniedem jista' jidħol f'relazzjoni personali miegħu, u (iii) li jista' kollox.

8. Evalwa l-importanza tat-Tradizzjoni fil-fidi Kattolika u saħħaħ l-argument tiegħek b'eżempju **WIEĦED** mill-istorja tal-Knisja.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

**ADVANCED MATRICULATION LEVEL**
**2021 SECOND SESSION**

| | |
|---|---|
| SUBJECT: | **Religious Knowledge** |
| PAPER NUMBER: | II |
| DATE: | 5th October 2021 |
| TIME: | 4:00 p.m. to 7:05 p.m. |

## LITURGY AND CHRISTIAN MORALITY

Answer **THREE** questions: **ONE** from each section and a **THIRD** from any section. All questions carry equal marks.

### SECTION A: LITURGY AND THE SACRAMENTS

1. "Today, as pilgrims in search of hope, we cling to you, Risen Jesus. We turn our backs on death and open our hearts to you, for you are Life itself" (Pope Francis). Discuss the centrality of Easter in light of the whole Liturgical year.

2. Explain briefly the meaning of the Sacraments and discuss the importance of the Sacraments of Initiation in a Christian's life.

3. Discuss why the Sacrament of Reconciliation and that of the Anointing of the Sick can be called the Sacraments of Healing.

4. "The liturgy is the summit towards which the activity of the Church is directed; it is the source from which all its power flows" (*Sacrosanctum Concilium* 10). Discuss the importance of the liturgy in the life of the Church and evaluate its contribution in manifesting the true identity of the Church.

### SECTION B: CHRISTIAN MORALITY

5. Discuss the reasons why in Catholicism, the Decalogue (the Ten Commandments) has traditionally been considered to be the foundation upon which is built a whole structure of obligations, virtues, and sins related to the moral life of Christians.

6. Why does the Church affirm that all human beings are endowed with dignity? Discuss the implications of this teaching and how this influences the Church's position on issues of applied ethics.

7. "The Joy of Love experienced by families is also the joy of the Church." With these words Pope Francis begins his Apostolic Exhortation, *Amoris Laetitia*, On Love in the Family. Discuss why the family is so central to the Church's teachings and evaluate this position in light of contemporary societal challenges.

8. In his Encyclical *Laudato si'* Pope Francis calls for a commitment to care for our common home. Discuss the concept of sustainable development as presented in this Encyclical and evaluate it in the context of **THREE** concrete initiatives in favour of this development.

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2021**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **It-Tagħlim Reliġjuż** |
| KARTA NUMRU: | II |
| DATA: | 5 t' Ottubru 2021 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m sas-7:05 p.m |

## IL-LITURĠIJA U L-MORALITÀ NISRANIJA

Wieġeb **TLIET** mistoqsijiet: **WAĦDA** minn kull taqsima u t-**TIELET** waħda minn liema taqsima li trid. Il-mistoqsijiet kollha għandhom l-istess marki.

### TAQSIMA A: IL-LITURĠIJA U S-SAGRAMENTI

1. "Illum, bħala pellegrini li qed infittxu t-tama, nersqu għandek Ġesù Rxoxt. Nagħtu daharna lill-mewt u nifitħu qalbna għalik, għax int il-Ħajja nfisha" (Papa Franġisku). Iddiskuti ċ-ċentralità tal-Għid fid-dawl tas-sena Liturġika sħiħa.

2. Spjega fil-qosor it-tifsira tas-Sagramenti u ddiskuti l-importanza tas-Sagramenti tal-Inizzjazzjoni fil-ħajja tan-Nisrani.

3. Iddiskuti għaliex is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni u dak tal-Griżma tal-Morda huma msejjħin s-Sagramenti ta' Fejqan.

4. "Il-liturġija hi l-quċċata li lejha timxi l-ħidma tal-Knisja u fl-istess waqt l-għajn li minnha ġejja kull qawwa tagħha" (*Sacrosanctum Concillium* 10). Iddiskuti l-importanza tal-liturġija fil-ħajja tal-Knisja u evalwa l-kontribuzzjoni tagħha fil-manifestazzjoni tal-vera identità tal-Knisja.

### TAQSIMA B: IL-MORALITÀ NISRANIJA

5. Iddiskuti r-raġunijiet għaliex fil-Kattoliċiżmu, id-Dekalogu (l-Għaxar Kmandamenti) huwa tradizzjonalment ikkunsidrat bħala l-bażi li fuqha tinbena struttura sħiħa ta' obbligi, virtujiet, u dnubiet relatati mal-ħajja morali tal-Insara.

6. Għaliex il-Knisja tisħaq li l-bnedmin kollha għandhom dinjità? Iddiskuti l-implikazzjonijiet ta' dan it-tagħlim u kif dan jinfluwenza l-pożizzjoni tal-Knisja fuq temi ta' etika applikata.

7. "Il-Ferħ tal-Imħabba esperjenzat mill-familji huwa wkoll il-ferħ tal-Knisja." B'dan il-kliem il-Papa Franġisku jibda l-Eżortazzjoni Appostolika tiegħu, *Amoris Laetitia*, Fuq l-Imħabba fil-Familja. Iddiskuti għaliex il-familja hija daqshekk ċentrali għat-tagħlim tal-Knisja u evalwa din il-pożizzjoni fid-dawl tal-isfidi tas-soċjetà tal-lum.

8. Fl-Enċiklika tiegħu, *Laudato Sì*, il-Papa Franġisku jitlob impenn biex nieħdu ħsieb id-dar tagħna komuni. Iddiskuti l-kunċett tal-iżvilupp sostenibbli kif preżentat f'din l-Enċiklika u evalwah fil-kuntest ta' **TLIET** inizzjattivi konkreti favur dan l-iżvilupp.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.